**KUMMISSJONI FESTA KRISTU RE - PAOLA**

**ATTIVITAJIET SETTEMBRU 2018**

**Kull nhar ta' Ġimgħa, wara l-quddiesa tas-6.30 ta' filgħaxija, jkun hemm**

**T O M B L A**

**fuq iz-zuntier b' risq il-manutenzjoni tal-knisja.**


**KUMMISSJONI DJAKONIJA**
**ATTIVITAJIET SETTEMBRU 2018**

**Matul dan ix-xahar ma jkunx hemm attivitajiet għall-Anzjani.**

***Wara li fil-ġranet tal-Festa Titulari stajna ngawdu u nammiraw it-tisbieħ eċċezjonali li sar matul l-aħħar sena fil-knisja, b'apprezzament għal dak kollu li sar, issa għandna nkomplu nkunu ġenerużi fl-offerti tagħna biex dan ix-xogħol ta' manutenzjoni u tisbieħ ikompli kif mixtieq.***






**UFFIĊĊJU PARROKKJALI**


**Dar Parrokkjali,**
**Triq Lampuka,**
**Paola PLA 1142**

***Tel.* 21695022 *Fax:* 21805955**

***E-Mail Address:***
**Parocca.paola.kr@maltadiocese.org**
***Facebook:***
***Www.facebook.com/parroccakristure***


***Ħinijiet tal-ftuħ:***

**It-Tnejn,**
**Mid-9.30 sal-11.00 ta' filgħodu**
**Mill-5.00 sas-6.00 ta' filgħaxija**
**L-Erbgħa**
**Mill-10.30 sal-11.30 ta' filgħodu**
**Mill-5.00 sas-6.00 ta' filgħaxija**
**Il-Ġimgħa**
**Mill-10.00 sal-11 ta' filgħodu**




*Leħen il-Kunsill Pastorali Parrokkjali - Parroċċa Kristu Re - Paola*
**Għadd Nru.319 - L-40 Sena - SETTEMBRU 2018**


# is-SALTNA



## Messaġġ tal-Kappillan



**Għeżież,**

***Ringrazzjament***

Bħal kull sena, il-festa titulari hija okkażjoni li lkoll kemm aħna nistennew bil-ħerqa u nieħdu gost niċċelebraw flimkien.

Imma għal uħud minn fostna, il-festa ma tibdiex mal-ħruġ tal-Vara min-niċċa u tintemm fi tmiem il-Purċissjoni. Il-Festa timplika xhur ta' laqgħat u ħidma biex matul il-ġimgħa tal-festa jsiru ċelebrazzjonijiet xierqa.

Għalhekk inħoss li, f'isem il-Pawlisti kollha, għandi nirringrazzja lil dawn in-nies ġenerużi. Nibda bil-Membri tal-Kummissjoni Festa Kristu Re, il-Ħbieb tat-Tempju, il-Grupp tal-*Fundraising*, il-Membri tas-Soċjetà Filarmonika Fra Antoine De Paule, dawk tal-Għaqda Soċjali Mużikali Kristu Sultan u kif ukoll lil dawk kollha li b'mod jew ieħor taw is-sehem tagħhom.

Ringrazzjament ieħor imur ukoll għal dawk kollha li jikkontribwixxu biex il-festa tkun tista' ssir, jiġifieri dawk li joffru d-donazzjonijiet kif ukoll dawk li jattendu għall-attivitajiet ta' *fundraising*.

***Armar f'ħin limitat***

Din is-sena, kemm minħabba li fil-Knisja kien qed jiżżarma l-i*scaffolding* li kien hemm minħabba xogħolijiet fl-Apside sa ġimgħa qabel il-ftuħ tal-festa, kif ukoll minħabba li fil-pjazza kien għadu għaddej ix-xogħol kważi sal-ġimgħa tal-festa, kellna tellieqa kontra l-ħin biex laħħaqna narmaw dak kollu li kellu jintrama.

***Spustjar ta' Armar u Nar***

Infakkarkom ukoll li, minħabba li sar tibdil fil-fiżjonomija tal-Pjazza, tul is-sena kellna diskussjonijiet kontinwi biex stajna nispustjaw l-armar u r-rotot tal-marċi u purċissjonijiet sabiex jirriflettu din il-qagħda ġdida.

Din is-sena kien hemm ukoll xi ntoppi fuq l-armar tad-dawl ta xi toroq minhabba ċirkustanzi li ma kelniex kontroll fuqhom.

*.....ikompli f'paġna 4*

# *BENEFATTURI LI TAW SEHEMHOM FIL-BINI TAL-KNISJA PARROKKJALI - (18) ©*

## Maria Assunta Galea

*Dr. Simon Mercieca*

Maria Assunta Galea kellha imħabba u devozzjoni speċjali lejn il-knisja ta' Santa Ubaldeska anki jekk hija kienet minn Ħal Tarxien. Kienet tħobb tinżel ħafna u tagħmel visti f'din il-knisja u anki tisma' il-quddies hemm.

Hija kienet l-uniku wild ta' Salvatore Galea u Ġużeppa Diacono. Il-familja Galea kienet toqgħod ġo dar kbira ftit l-isfel minn fejn kien joqgħod it-tabib Ceci f'numru 66, Triq il-Kbira, Ħal Tarxien. Fost ħut missierha, Salvatore, ta' min isemmi lil oħtu u allura z-zija ta' Maria Assunta, li kienet daħlet soru tal-klawsura.

Bħala professjoni, Salvatore Galea kien peżatur il-biċċerija. Biss kellu l-arti għall-qalbu. Kien interessat ħafna fl-ilsien Malti. Ninu Cremona kien imur ta' spiss għandu biex jitkellem miegħu fuq il-Malti wara li kien ġie joqgħod ħdejn il-knisja ta' Santa Ubaldeska. Salvatore kien anki ammiratur kbir tal-palk. Saħansitra kien jieħu sehem fir-reċti, speċjalment il-fares, iżda ġieli ħadem ukoll xi parti drammatika. Martu Ġużeppa kienet tiġi oħt Dun Ġwann Diacono, li kien persuna importanti f'Ħal Tarxien ta' dik il-ħabta u predikatur infittex ħafna. Oħtha oħra kienet tiġi omm it -tabib Jimmy Farrugia.

Salvatore Galea, li kien jaf sew bl-Ingliż, kien tqabbad mill-kappillan biex jgħallem il-katekiżmu lis-suldati Ingliżi li f'dik il-ħabta kien hemm stazzjonati f'Bowyer House. Wieħed minnhom, Frederick Stroud, izda bil-magħmudija sar Anthony, spiċċa żżewweġ lit-tifla l-kbira ta' Maria Assunta, Susanna.

Meta kibret, Maria Assunta żżewwġet lil Michael Galea li kien miż-Żejtun, u l-koppja baqgħet tgħix fid-dar kbira tal-ġenituri tal-mara. Minn dan iż-żwieġ għexu ħamest itfal. Ġara li din Maria Assunta mietet fl-eta' żgħira ta' erbgħin sena. Qabel mietet Susanna kienet qalet l-ommha li dalwaqt igawdu l-festa tal-Assunta. Ommha kienet qaltilha li din is-sena lill-Madonna ser tgawdiha fis-sema. U hekk kien għax mietet jumejn qabel il-ħmistax ta' Awwissu.

Salvatore Galea kellu fid-dar tiegħu relikwa tas-Salib Imqaddes. Din kien iżommha b'għożża kbira f'kamra fit-tieni sular tad-dar tiegħu f'Ħal Tarxien. Kien biddel din il-kamra f'kappella privata. Meta mietet it-tifla tiegħu, irregala din ir-relikwa, bl-ostensorju tal-fidda tagħha, lill-knisja ta' Santa Ubaldeska bħala tifkira ta' bintu. Salvatore irraġuna li l-unika bint li kellu kienet l-aktar ħaġa prezzjuża għalih. B'hekk meta mietet bintu ried li jħalli tifkira ta' bintu fil-knisja li Maria Assunta kienet tant tħobb waqt li ried jagħti l-aktar ħaġa prezzjuża li kellu f'daru lil din il-knisja. Magħha kien ta anki l-bolla jew ċertifikat bħala prova li hija relikwa awtentika.

Din ir-relikwa kienet miżmuma b'għożża kbira fil-knisja ta' Santa Ubaldeska tant li kien tqabbad l-iskultur Manwel Buhagiar biex jagħmel niċċa speċjali għaliha. Kienet anki saret kustodja, jew tribuna żgħira, biex toqgħod ġewwa fiha meta tkun esposta fuq l-artal.

Meta tlestiet is-sagristija li hemm illum fil-knisja l-kbira, din ir-relikwa bin-niċċa tagħha kienet tqegħdet fiha. Niftakar din ir-relikwa kien joħroġha u jdaħħalha fin-niċċa l-kappillan Dun Adolf Agius liebes l-istola ħamra jew xi wieħed mill-viċijiet tiegħu biss u ħadd aktar. Baqgħet tintuża bħala r-relikwa tal-festa titulari sakemm Dun Mario Agius għamel waħda ġdida minn butu. Illum din ir-relikwa, li ngħatat bħala tifkira ta' Maria Assunta Galea, qegħda tintuża matul iż-żmien tat-Tridu tal-festa titulari ta' Kristu Re.



# Mill-Uffiċċju Parrokkjali



**MEMBRI ĠODDA FIS-SALTNA**

*Nilqgħuhom fostna bil-ferħ.. .. .. ..*



**LULJU: Ronell BONNICI; Rylies SLOWE; Aleah ZAMMIT; George PACE; Nikolas CASSAR; Eve ZAMMIT.**

**INGĦAQDU FIS-SAGRAMENT TAŻ-ŻWIEĠ**

*Nawgurawlhom ħajja feliċi…….*



**LULJU: Alex GAUCI u Charmaine AZZOPARDI; Keith VELLA u Melanie D'AMATO.**

**GĦADDEW GĦALL-ĦAJJA TA' DEJJEM**

*Mulej agħtihom il-mistrieħ ta' dejjem.*
*Ma ninsewhomx fit-talb tagħna .. .. .. ..*



**LULJU: Joseph BUHAGIAR (72); Giuseppe SALIBA (95): Godwin GRIMA (68); Hugo CHETCUTI (52); Carmelo TANTI (63).**

## FESTA TAL-MADONNA TAR-RUŻARJU

**Il-Ġimgħa, 5 ta' Ottubru:**
***Festa tal-Madonna tar-Rużarju fil-parroċċa***



**6.30pm Quddiesa u wara Purċissjoni bl-Istatwa tal-Madonna tar-Rużarju**

**(Dettalji f'IS-SALTNA ta' Ottubru)**



**Din il-Paġna hi sponsorjata b'tifkira għażiża ta'**
**J O S E P H u P A U L I N E C A R A B O T T**
***Mulej, aghtihom l-Mistrieħ ta' dejjem***



**Din il-Paġna hi sponsorjata b'tifkira għażiża ta'**
**MARIA u ROGER FENECH u binthom FRIDA AXIAQ**
***Mulej, agħtihom il-Mistrieħ ta' dejjem***

**Reġistrazzjoni tat-Tfal għall-Klassijiet kollha**
**tad-Duttrina fl-Oqsma tal-MUSEUM, Subien u Bniet,**

**It-Tnejn, 24 ta' Settembru, 2018**
**u l-Ħamis, 27 ta' Settembru, 2018**
**bejn il-5.00 u l-6.00 ta' filgħaxija (BNIET)**
**bejn il-5.30 u s-6.30 ta' filgħaxija (SUBIEN)**

***Hu importanti li t-tfal jieħdu magħhom iċ-Ċertifikati tal-Magħmudija u dak tat-Twelid (tal-Insinwa).***

**Il-Ġenituri tat-Tfal huma mitluba li jieħdu nota wkoll tal-Quddiesa tal-Bidu Uffiċċjali tas-Sena Kateketika, biex huma jipparteċipaw ukoll flimkien ma' wliedhom.**

*Bidu tas-Sena Kateketika 2018 -2019*

**JUM IT-TAGĦLIM NISRANI**
**BIDU UFFIĊĊJALI TAS-SENA KATEKETIKA**

**Il-Ħadd, 14 ta' Ottubru 2018**

**9.30am** Quddiesa fil-Knisja Parrokkjali għall-Ġenituri u għat-Tfal li fiha l-Ġenituri jagħmlu l-wegħdiet tagħhom u jingħata l-Mandat lill-Katekisti tal-Parroċċa



**Din il-Paġna hi sponsorjata b'tifkira ta'**
**Rev. Dun T I TO S A M M U T**
***Mulej, agħtih l-Mistrieħ ta' dejjem***



**Din il-Paġna hi sponsorjata b'tifkira għażiża ta'**
**A N T H O N Y ST. J O H N**
**f'għeluq lt-tnax sena mill-mewt tiegħu**
**fis-16 ta' Settembru 2006 fl-eta` ta' 88 sena**
**u martu Mary li mietet fil-5 ta' Frar 2017**
**fl-eta` ta' 94 sena.**
**Qatt minsijin minn uliedhom**
***Mulej, agħtihom il-Mistrieħ ta' dejjem***



**Din il-Paġna hi sponsorjata b'tifkira ta'**
**O S C A R T A B O N E**
**f'għeluq l-għaxar sena mill-mewt tiegħu**
***Mulej, agħtih l-Mistrieħ ta' dejjem***



## *Djarju tal-Parroċċa:* SETTEMBRU 2018

**KULL NHAR TA' ĦAMIS:** Wara l-Quddiesa tas-6.30 ta' filgħaxija ikun hemm Adorazzjoni Ewkaristika sat-8.00 ta' filgħaxija.

**Is-Sibt, 1 ta' Settembru:** **L-Ewwel Sibt tax-xahar.**
***5.00pm*** ***Rużarju Ħaj fil-knisja Parrokkjali***

**Il-Ħadd, 2 ta' Settembru:** ***It-Tnejn u Għoxrin Ħadd ta' matul is-Sena B - L-Ewwel Ħadd tax-xahar.***
*Ġabra Speċjali fil-Quddies kollu għall-Manutenzjoni tal-Knisja.*

**Il-Ġimgħa, 7 ta' Settembru:** ***L-Ewwel Ġimgħa tax-Xahar.***
*Ikun hemm Qrar sa l-10.00 ta' filgħodu fil-parroċċa.*
*Adorazzjoni u Barka Sagramentali wara l-quddiesa tas-6.30 pm.*

**Is-Sibt, 8 ta' Settembru: FESTA NAZZJONALI u Btala Pubblika**
***It-Twelid tal-Verġni Mqaddsa Marija: Il-Vitorja.***
*Il-Quddies kollu jkun bħal ta' matul il-ġimgħa.*

**Il-Ħadd, 9 ta' Settembru:** ***It-Tlieta u Għoxrin Ħadd - Sena B***

**Il-Ġimgħa, 14 ta' Settembru:** ***L-Eżaltazzjoni tas-Salib Imqaddes***

**l-Ħadd, 16 ta' Settembru:** ***L-Erbgħa u Għoxrin Ħadd - Sena B***

**Il-Ġimgħa, 21 ta' Settembru: FESTA NAZZJONALI u Btala Pubblika -** ***Jum l-Indipendenza***
*Il-Quddies kollu jkun bħal ta' matul il-ġimgħa.*

**Il-Ħadd, 23 ta' Settembru:** ***Il-Ħamsa u Għoxrin Ħadd - Sena B***

**Il-Ħadd, 30 ta' Settembru:** ***Is-Sitta u Għoxrin Ħadd - Sena B***



**Din il-Paġna hi sponsorjata b'tifkira għażiża ta'**
**Rev. Monsinjur G E O R G E G R I M A**
**f'għeluq l-ewwel sena mill-mewt tiegħu,**
**nhar il-25 ta' Settembru 2017**
**qatt minsi minn ħafna benefatturi**
**tal-Moviment Missjunarju Ġesu` fil-Proxxmu**

***Mulej, agħtih il-Mistrieħ ta' dejjem***

Minħabba wkoll l-infurzar min-naħa tal-Kurja ta' direttivi dwar ħruq ta' nar, kif ukoll minħabba restrizzjonijiet tal-awtoritajiet ċivili, kellu jsir tibdil fil-post tal-ħruq tan-nar speċjalment tal-art u dak sinkronizzat mal-mużika. Minħabba xi diffikultajiet b'dan tal-aħħar, speċjalment lejliet il-festa, diġà qegħdin naħdmu biex insibu alternattiva ta' post aħjar. Nittamaw li dan ikun possibli.

### *Xi Noti fuq il-Festa Interna*

Qed isir sforz kbir min-naħa tal-Parroċċa sabiex il-funzjonijiet fil-knisja jsiru kif jixirqu. Kemm fejn jidħlu ċelebranti, servizz liturġiku u kif ukoll mużika, nemmen li qed nilħqu livell għoli ħafna u li mhux biss jagħti glorja xierqa lir-Re tar-rejiet kif jixraqlu imma jagħmel ġieħ ukoll lilna l-Pawlisti.

Għall-grazzja ta' Alla, l-attendenza għall-quddiesa ta' qabel il-ħruġ min-niċċa din is-sena kienet ħafna aħjar mis-soltu. Kienet ukoll inkoraġġanti l-attendenza għall-ewwel u t-tieni għasar lejliet il-festa wara t-translazzjoni u nhar il-festa qabel il-purċissjoni.

Imma jkolli nammetti li kont iddiżappuntat bl-attendenza għall-quddiesa prinċipali tal-Ħadd filgħodu ta' nhar il-Festa. Din il-quddiesa għandha tkun il-qofol tal-ġimgħa kollha tal-festa. Sfortunatament, lanqas l-attendenza tal-Membri ta' ħafna mill-Għaqdiet mistednin ma kienet numeruża. Nittama li, għal sena oħra, nitgħallmu minn dak li naraw f'parroċċi oħra fejn l-ewwel bankijiet ikunu mimlijin bil-membri tal-Għaqdiet u knisja mimlija b'dawk li jħossu tassew li huma parti mill-parroċċa. Emmnuni, meta nkun mistieden nagħmel paniġierku f'xi parroċċi oħra, nitgħaxxaq fejn nara knisja mimlija nies u ngħid dawn nies li tassew għandhom il-festa għal qalbhom. Nittama li min ikun mistieden fostna jkun jista' jesprimi wkoll dan is-sentiment.

L-attendenza għall-purċissjoni tas-Sagrament ukoll kienet waħda inkoraġġanti, għalkemm nemmen li nistgħu ntejbuha wkoll. Nittamaw li sena oħra l-pulizija jegħlbu d-diffikultà biex jikkordinaw minn qabel il-*clearance* meħtieġ.

### *Fratelli*

Nixtieq ukoll nagħmel nota ta' apprezzament lill-fratelli tal-parroċċa tagħna li jagħtu sehemhom matul is-sena kollha kif ukoll fil-ġranet tal-festa. Din is-sena ħadu sehem f'servizz anke barra mill-parroċċa tagħna sabiex fratelli minn parroċċa oħra jiskambjaw dan is-servizz fil-ġranet tal-festa.

Din is-sena ser nippruvaw nagħmlu ħidma biex norganizzaw dawn il-fratelli b'mod iktar regolari. Għalhekk nixtieq nagħmel appell biex, jekk hawn xi rġiel imħajrin jingħaqdu magħhom, ikellmuni.

*Ikompli* ➡





### *Konklużjoni*

Bħas-soltu, inħeġġeġ lil min jista' u jixtieq li jibda jagħti s-sehem tiegħu biex inkomplu nagħmlu festa kif jixraq javviċinani. Inħeġġeġ ukoll lil min għandu xi suġġerimenti kostruttivi ta kif tista` l-festa ssir isbaħ sabiex iressaqhom għall-konsiderazzjoni tal-Kummisjoni Festa Kristu Re.

**Viva Kristu Re, Sultan tal-Ħolqien kollu.**

Kunu mbierkin.

*Kan. Dun Marc Andre` Camilleri*
*Kappillan*

## Proġett kbir għas-Sena Pastorali 2018-2019

Kif diġa ħabbartilkom nhar il-Festa, fid-dħul tal-purċissjoni, fuq xewqa ta' Mons Arċisqof, qed inniedu proġett ta' Ambone u Sedja tal-irħam fuq il-presbiterju tal-Knisja Parrokkjali. Dawn għandhom jikkumplimentaw l-artal u jenfasizzaw l-importanza tat-tħabbira tal-kelma ta' Alla u ta' dak li jippresiedi f'isem Ġesu' waqt iċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi.

Ma' dawn hemm il-ħsieb li jsiru l-aġġustamenti tant meħtieġa, kemm mad-dawra esterna tal-presbiterju biex jiġi jixraq għad-dinjita' tal-artal stess, kif ukoll jiżdiedu t-tarġiet li fl-imgħoddi tneħħew minn taħt l-artal maġġur. Dan se jsir biex jiġu konformi ma' kif kienu ddisinjati oriġinalment mill-marmista li għamel l-artal, kif ukoll biex l-artal ikun iktar viżibbli mill-knisja kollha speċjalment minn ħdejn il-Bieb il-Kbir.



**Din il-Paġna hi sponsorjata b'tifkira għażiża ta'**
**AGNES AGIUS**
***Mulej, agħtiha l-Mistrieħ ta' dejjem***